‘

# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

Maġistrat Dr. Nadine Lia B.A. LL.M(Kent)., LL.D.

**9 ta' Lulju 2019**

**Kumpilazzjoni numru 104/2016**

**Il-Pulizija**
**(Fabian Fieri)**
**(Robert Vella)**

**vs.**

**Keith Joseph Mallia, Mario Mallia u Clyde Mallia**

Il-Qorti,

Rat 1-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Keith Joseph Mallia ta'44 sena, iben Emanuel u Theresa nee' Sciberras, mwieled Attard nhar is-6 ta' Marzu 1971, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 148471M u residenti ġewwa Golden Gennet Triq Dun Ġuzepp Demicoli Għaxaq;

Mario Mallia ta' 18 il-sena; u Clyde Mallia ta' 16 il-sena, iben Keith Joseph u Lucy Anne nee' Attard, mwieled Pieta' nhar it-23 ta' Diċembru 1999, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 439899M u residenti ġewwa Golden Gennet Triq Dun Ġużepp Demicoli Għaxaq:

Akkużati talli fil-25 ta' Frar 2016 għall- ħabta ta' bejn it-tlieta u l-erbgħa u nofs ta' filgħodu (03:00hrs u 04:30hrs) ġewwa Triq it-Tiġrija Marsa:

(l) bil-ħsieb li jagħmlu delitt u ċioe' delitt ta' serq minn ġewwa Banka tal-Lottu bin-numru 12 li tinsab ġewwa triq it-Tiġrija Marsa wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi il-2,329.32 Euros (elf Lira Maltija), u bil-ħin għad-dannu ta' Louise Gerada, Felix Mifsud u/jew persuna/i oħra. (Artikoli 261(a) (b) (c) (f),262 (1) (b), 263 (a) (b), 267, 270, 277 (b) );

Lil Keith Joseph Mallia waħdu akkużat ukoll talli:

(1) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACB123 tal-għamla Kia Shuma meta kellha il-liċenzja skaduta u ma kienx kopert b'polza tas-sigurta għall-terzi persuni ) (Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 104, Artikolu 13 L.S. 368.02);

(2) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza ingħatat fit-13 ta' Mejju 2015 mill-Maġistrat Dr. Neville Camilleri LLD u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Artikolu 28Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

(3) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża liema sentenza ingħatat fid-9 ta' Ġunju 2015 mill-Maġistrat Dr. Francesco Depasquale LLD u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Artikolu 28Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

(4) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża liema sentenza ingħatat fis-26 ta' Marzu 2014 mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea LLD u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Artikolu 28Ċ tal-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta);

(5) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Neville Camilleri LLD fid-digriet tiegħu tal-4 ta' Marzu 2013 li bih tat il-ħelsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

(6) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Carol Peralta LLD fid-digriet tiegħu tat-22 ta' Lulju 2015 li bih tat il-ħelsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta);

(7) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Gabriella Vella LLD fid-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2015 li bih tat il-ħelsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

(8) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-ħelsien mill-arrest (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

(9) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu riżediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Lil Mario Mallia waħdu akkużat ukoll:

(1) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kapitolu 446 Artiklu 7 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. A. Vella LLD datata 11 ta' Marzu 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel (Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta);

(2) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-ħelsien mill-arrest (Artikolu. 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Lil Clyde Mallia waħdu akkużat ukoll:

(1) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet tagħha tat-12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-ħelsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

(2) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) Maġistrat Dr. Charmaine Galea LLD fid-digriet tagħha tat-29 ta' Jannar 2016 li bih tat il-ħelsien mill-arrest. (Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

(3) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkometta r-reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza u supervision order liema sentenza ingħatat fit-3 ta' Frar 2015 mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti intalbet sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mall-ħatra ta' esperti jew periti fil-prożeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skont il-liġi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Keith Joseph Mallia, Mario Mallia u Clyde Mallia ingħataw il-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmija mputati kif ukoll tordna li s-sommom bħala depożiti u garanziji personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex f'każ ta' ħtija tordna is-sekwestru tal-vettura Kia Shuma bin-numru tar-reġistrazzjoni ACB123 hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat illi matul is-seduta tal-25 ta' Frar 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament[1] u sussegwentement matul is-seduta tad-9 ta' Marzu 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma mill-ġdid dawn l-imputazzjonijiet wara li kien hemm żieda fl-akkużi kif miġjuba;[2]

Rat li matul l-eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, tennew li huma ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.

Rat ukoll li matul is-seduta tal-25 ta' Frar 2016 l-Uffiċjal Prosekutur eżebixxa l-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-proċedura f'dan il-każ tipprosegwi sommarjament;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputati jekk kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputati żmien xieraq biex iwieġbu għal din il-mistoqsija, wieġbu li ma kellhomx

[1] Folio 8 tal-atti processwali.

[2] Folio 89 tal-atti processwali.

oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja u l-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat li matul is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputati huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;[3]

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara fliet l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-25 ta' Frar 2016 membri tal-RIU li kienu qiegħdin jagħmlu r-ronda fl-akwati tal-Marsa għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu, kienu nnutaw vettura tal-għamla *Kia Shuma* bin-numru tar-reġistrazzjoni mogħttija b'borza sewda ġewwa Triq it-Tigrija, l-Marsa u nnutaw ukoll li wieħed mill-passiġieri kien mgħammad. Kif avviċinawha l-vettura saqet minn fuq il-post u l-Pulizija mexxielhom iwaqfuha *fil-bypass* tal-Marsa fejn ġo fiha kien hemm l-imputati kollha. Huma kienu magħrufin mall-Pulizija u suppost kienu ikoll rinkażati fil-ħinijiet li nstabu barra. Saret tfittxija fil-vettura fejn fiha nstabu diversi għodod fosthom *sledge hammer, crow*

[3] Folio 434 tal-atti processwali.

*bar* imdaqqas, imqass kbir ta' 24 pulzier, *pipe tal-chrome,* ħadid, lampa, tlett pari ngwanti, żewġ balaklavi, *baseball bat* u xi ħwejjeg oħra. Instab ukoll *portable radio* li kien qiegħed fuq *ic-channel tal-RIU* kif ukoll balaklavi u ngwanti u liema oġġetti nstabu prinċipalment bejn is-*seats* ta' quddiem u ta' wara fil-vettura in kwistjoni. L-imputati ġew ilkoll arrestati u ġew akkumpanjati l-*lock up.*

Fil-frattemp fl-istess jum għall-habta tad-disgħa ta' filgħodu l-Pulizija rċevew rapport mingħand Louise Gerada li infurmathom dwar tentattiv ta' sgass ġewwa Banka tal-lottu li jinstab ġewwa Triq it-Tiġrija, Marsa, u ċioe l-istess triq fejn instabet il-vettura suspettuza. Ġew elevati wkoll filmati mis-CCTV tal-ħanut fejn meta din ġiet spezzjonata rriżulta illi fl-istess ħinijiet kienu dehru żewġ persuni mgħammda li avviċinaw il-banka tal-lottu fejn f'idejhom kellhom imqass imdaqqas li kien jixbaħ dak li kien instab fil-vettura misjuqa minn Keith Joseph Mallia u fejn dawn dehru qiegħdin idawru l-*cameras* li kienu ffukati fuq il-bieb tal-banka sabiex ma jibqgħux jiġbdu fid-direzzjoni tal-bieb tal-banka fejn kien rriżulta l-isgass.

In oltre ġie nnutat mill-investigaturi li l-imputati, senjatament Mario u Clyde Mallia kienu libsin ħwejjeġ simili ħafna għal dawk li dehru lebsin l-istess persuni mgħammda. Qabel ġew mitkellma, l-imputati ngħataw kopja tad-drittijiet tagħhom bil-miktub, liema drittijiet ġew spjegati lilhom verbalment ukoll mill-Pulizija. Huma ma wieġbux meta

mistoqsija dwar l-isgass dwar dak li deher bhala tentattiv ta' serqa fil-banka tal-lottu. Qalu wkoll li huma kienu qiegħdin barra f'dawk il-ħinijiet minħabba li riedu jmorru jixtru ħobża minn forn li kien qiegħed madwar 50 metru l-boghod minn din il-banka tal-lottu. In oltre għal dak li jirrigwarda l-vettura li kienet misjuqa minn Keith Joseph Mallia hu kkonferma li kien għadu kif akkwista din il-vettura mingħand *dealer* tal-karozzi iżda kien għadu ma sarx *transfer* għal fuqu u kien għadu ma ħallasx il-liċenzja jew l-assikurazzjoni fuqha. Sussegwentement huma tressqu l-Qorti kif mixlija.

**Konsiderazzjonijiet dwar punti legali**

Illi apparti l-addebitu tar-reċidiva fir-rigward ta' Keith Joseph Mallia u l-ksur ta' sentenzi sospizi u kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest tal-imputati skont kif ipprospettati fl-imputazzjonijiet mressqa kontrihom f'dan il-kaz, l-imputati jinstabu mixlija priċipalment bit-tentattiv ta' serq li kieku ġie kkompletat seta' jkun aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija tlieta u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37) u bil-ħin.

Id-definizzjoni ta' serq li konsistentement ġiet adottata fil-ġurisprudenza Maltija hija proagata mill-Carrara u li tirravviża l-elementi kollha tas-serq. Din hija l-kontrettazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ

mir-res furtiva.[4] Infatti, skont il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti sabiex tkun tista' tinstab ħtija fir-reat ta' serq jiġifieri:

1. *The contrectatio of a thing;*
2. *belonging to others;*
3. *made fraudulently;*
4. *without the consent of the owner;*
5. *animo lucrandi.*

L-aggravji tas-serq konstestati f'dan il-każ huma dawk elenkati fl-Artikolu 261 tal-Kodiċi Kriminali jiġifieri l-vjolenza, l-mezz, il-valur u l-ħin. Dawn qed jissemmew speċifikatament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skont il-Kodiċi Kriminali l-aggravju tal-vjolenza jista jsir b'diversi modi skont kif deskritt fl-Artikolu 262, fosthom dik numerika li tirriżulta meta' il-ħallellin jkunu aktar minn tnejn min-nies, liema forma ta' aggravju jidher li qed jiġi attribwit għal dan il-każ.

Mill-banda l-ohra l-aggravju tal-mezz li jista' jsir b'diversi modi wkoll skont kif senjalati fl-Artikoli 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi

[4] *'La contraftazione doloza della cose altruifatta in vito domino con animo di fame lucro.'*

meta l-ħallelin ikunu libsin għata tal-wiċċ bhal balaklava jew xi tibdil fis-sura tal-ilbies tagħhom.

Il-valur jaggrava s-serq skont dak dispost fl-Artikolu 267 u li jirriżulta jekk il-valur tal-oġġett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċentezmu (€232.94).

Finalment, għal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-ħin skont l-Artikolu 270 is-serq ikun aggravat bil-ħin jekk iser bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u tlugħ ix-xemx.

Mill-banda l-oħra l-imputazzjoni kif miġjuba tikkomprendi t-tentattiv ta' din is-serqa li skont l-Artikolu 41(a) tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta meta l-eżekuzzjoni tad-delitt li jkun daħal fis-seħħ u jkun magħmul bil-ħsieb ta' kummissjoni ta' delitt li jkun, ma jiġix kkunsmat minħabba xi ħaġa indipendenti għar-rieda ta' min qed jikkometti dan it-tentattiv. Sabiex jikkonsisti minn tentattiv, il-bidu tal-eżekuzzjoni tal-att kriminuż irid ikun mar oltre l-atti preparatorji, u jrid ikun hemm indikazzjoni ċara mill-fatti tal-każ li jkun li l-eżekuzzjoni tad-delitt irid ikun inbeda mill-ħati. It-tenattiv japplika wkoll meta jkun hemm id-deżistenza volontarja tal-malvivent.[5]

[5] li madankollu mhuwiex ix-xenarju li qed jiġi pprospettat f'dan il-każ.

Illi apparti dan ir-reat, l-imputat Keith Joseph Mallia huwa mixli bil-ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 li jirregolaw is-sewqan ta' vetturi li jkollhom liċenzja skaduta u li ma jkunux koperti b'polza ta' assikurazzjoni għas-sigurta' ta' terzi persuni.

L-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta,[6] joħloq il-presunzjoni li l-ġudikabbli ma jkollux polza tal-assikurazzjoni skont il-Liġi jekk huwa ma jippreżentax ċertifikat tal-assikurazzjoni debitament maħruġ skont il-liġi.[7] Apparti minn hekk skont dak dispost fl-Artikolu 3(1B) huwa meqjus li titqajjem eċċezzjoni valida għall-każ tal-Prosekuzzjoni jekk l-imputat iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma kien jaf bih u li jkun eżercita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.

Mill-banda l-oħra r-regolament 13 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.02 jippreskrivi l-ħtieġa tal-liċenzja ta' ċirkolazzjoni filwaqt li vettura bil-mutur tkun qed tintuża : anke jekk din tkun ipparkjata. Jidher in oltre illi skont is-subartikolu (4) tar-regolament 13 illi huwa sid il-vettura li jrid japplika għall-ħruġ ta' liċenza tal-vettura li tkun.

**Ikkunsidrat: -**

[6] senjatament l-Ordinanza dwar ' Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-riskji ta' Terzi Persuni.
[7] Regolament 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-akkuża tat-tentattiv tas-serq huwa mibni fuq sensiela ta' provi ċirkostanzjali li l-Prosekuzzjoni qed itenni li tippunta f'direzzjoni waħda, essenzjalment fir-responsabbilta' tal-imputati. Dan qiegħdin jisqħuh fid-dawl tal-fatt illi l-imputati nqabbdu qrib il-post fejn seħħ it-tentattiv ftit tal-ħin wara. Mix-xiehda tal-membri tal-*RIU,* l-imputati kienu lkoll rekbin fil-vettura tal-għamla *Kia Shuma,* u ippruvaw jaħarbu milli jiġu investigati jew arrestati meta ġew interċettati mill-membri tal-*RIU.*

Inoltre meta rnexxielhom jitwaqqfu, u saret tfittxija fil-vettura li kellha l-pjanċi tagħha mgħottija, irriżultaw diversi għodda li jistgħu jintużaw għal ksur jew sgass fi proprjeta'. Minbarra dan instabu żewġ balaklavi u ingwanti fejn kienu bilqiegħda l-passiġiera tal-vettura in kwistjoni.

Apparti minn hekk mis-CCTV *recording* jirriżulta li kien hemm żewġ persuni mgħammda li aviċinaw il-banka tal-lottu in kwistjoni u dawru l-*cameras* li kienu qiegħdin jippuntaw fuq il-bieb tal-banka fejn essenzjalment seħħ l-isgass u t-tentattiv sabiex jidħlu fil-hanut in kwistjoni. Mill-istess filmat jirriżulta illi dawn il-persuni kienu libsin l-istess tip ta' ħwejjeġ li kellhom l-imputati Mario u Clyde Mallia meta ġew arrestati, tant illi l-Uffiċjal Prosekutur kien ordna li jiġu fotografati. Irriżulta wkoll mill-istess filmati illi kellhom imqass imdaqqas f'idejhom li kien jixbah dak li nstab fil-vettura meta ġew arrestati u li filfatt kienu użaw din l-għodda sabiex ilaħħqu mal-kameras in kwistjoni u

jdawwrahom il-fuq u l-bogħod mill-bieb tal-banka. Finalment matul it-tfittxija instab ukoll *radio* li kien imqabbad mal-frekwenza tal-*RIU*.

Illi din il-Qorti ma tistax ħlief taqbel mat-teżi tal-prosekuzzjoni fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi kollha li ndubjament jagħtu stampa univoka ta' dak li seħħ fil-lejl mertu tal-każ u tal-involviment tal-imputati kollha f'dan it-tentattiv. Il-fatt waħdu li l-vettura li kienet qiegħda tiġi misjuqa minn Keith Joseph Mallia, fiha kienu rekbin uliedu Mario u Clyde liebsin ħwejjeġ partikolari u dawn kienu f'vettura li kellha l-pjanċi mogħtijin diġa huma fatti li waħedhom jindikaw li dan sar sabiex din l-istess vettura ma tiġix identifikata biex b'hekk fl-eventwalita' ta' interċetazzjoni, 1-Pulizija kien ikollhom diffikulta' li jaslu għal sidha.

Inoltre l-għodda u l-oġġetti li nstabu fil-vettura u fuq il-persuni ta' Mario u Clyde Mallia, inkluż il-ħwejjeġ tagħhom li magħhom hemm xebh ma dak li hemm fil-filmati ikompli jipponta lejn il-veradiċita tat-tezi tal-Prosekuzzjoni. L-iżgass li sar fil-bieb sar bl-użu ta' oġġetti kompatibbli ma dawk misjuba fil-vettura li fiha kienu riekba l-imputati ftit tal-ħin wara li dawn inqabdu mill-Pulizija jippruvaw jaħarbu minn fuq il-post.

Fuq l-iskorta ta' dawn il-provi, din il-Qorti taqbel mat-tezi tal-Prosekuzzjoni li tqisha li ġiet pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

**Ikkunsidrat: -**

Illi għal dak li jirrigwarda l-aggravji li ġew attribwiti ma' dan ir-reat, jirrizulta li l-vjolenza numerika ġiet ippruvata tenut kont tal-fatt li kienu tlieta min-nies involuti.

Fit-tieni lok għal dak li jirrigwarda l-mezz dan ukoll ġie ppruvat f'iktar minn manjiera waħda u dan peress li kien hemm l-isgass fir-rixtellu tal-banka. Dan minbarra l-fatt li l-imputati Clyde u Mario aħwa Mallia avviċinaw il-banka tal-lottu mgħammdin bil-balaklavi u bl-ingwanti.

Fit-tielet lok għal dak li jirrigwarda l-aggravju tal-valur jidher mill-provi mressqa li l-valur tal-kontenut tal-magna tas-sigaretti li kien ġo din il-banka jeżorbita l-valur preskritt mill-liġi skont l-Artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali u anzi huwa ta' iktar minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37).[8]

Finlament ghal dak li jirrigwarda l-ħin tad-delitt m'hemm l-ebda dubbju li dan it-tentattiv sar bejn inżul u tlugħ ix-xemx konsiderando li r-reat seħħ għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu.

Konsegwentement, l-imputati kollha ser jinstabu ħatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tagħhom ilkoll.

[8] Folio 133 tal-atti proċesswali fejn il-valur tas-sigaretti jammonta għall- €2454.55 kif debitament ikkonfermat minn Brian Micallef li xehed matul il-proċeduri a folio 291 (30.1.16).

**Ikkunsidrat**

Illi għal dak li jirrigwarda l-ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-responsabbilta' tal-assikurazzjoni in kwistjoni tinkombi fuq min ikun qed jagħmel użu mill-vettura. Keith Joseph Mallia kien instab li kien qiegħed isuq din il-vettura. F'dok FF16, ippreżentat mill-Ispettur Fabian Fieri jindika li kemm il-liċenzja kif ukoll 1-assikurazzjoni tal-vettura li kienet qed tintuża mill-imputat fil-lejl in kwistjoni, kienu filfatt skaduti. Infatti jidher minn dan id-dokument li l-vettura kienet liċenzjata u assikurata sal-31 ta' Jannar 2016 u ma ġietx imġedda.

In oltre ma nġagħbet l-ebda prova kuntrarja da parti tal-imputat Mallia skont kif tipprospetta l-liġi f'dan ir-rigward u kwindi l-imputat Keith Joseph Mallia ser jinstab ħati tal-ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Madankollu ghal dak li jirrigwarda l-ksur tar-regolament 13 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 din ir-responsabbilta' ma tistax tinkombi fuq l-imputat u dan peress li sad-data tar-reat u kif jidher ukoll mid-dokument FF16, il-vettura kienet għadha reġistrata fuq *Tony Autoparts.* Peress li kien għadu ma sarx trasferiment għal fuq isem Keith Joseph Mallia, semmai din ir-responsabbilta' ai termini tal-regolament 13 tal-

Leġislazzjoni Sussidjarja in kwistjoni kienet tinkombi fuq is-sid viġenti f'dak il-waqt u kwindi mhux fuq l-imputat.

**Ikkunsidrat: -**

Illi jifdal issa biss li din il-Qorti tanalizża l-provi li tressqu għal dak li jirrigwarda l-ksur tal-ħelsien mill-arrest kif imposti fil-konfront tal-imputati kollha minn diversi qrati diversement ippreseduti, il-ksur ta' tlett sentenzi sospiżi u l-addebitu tar-reċidiva fir-rigward ta' Keith Joseph Mallia, 1-ksur ta' ordni tal-probation fir-rigward ta' Mario Mallia u 1-ksur ta' sentenza sospiża fir-rigward ta' Clyde Mallia.

Preliminarjament għal dak li jirrigwarda l-ksur tal-ħelsien mill-arrest skont l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta mill-atti proċesswali li 1-Uffiċjal Prosekutur filfatt eżebixxa diversi kundizzjonijiet imposti mill-Qrati tal-Maġistrati kif diversament ippreseduta li jindikaw id-data ta' meta dawn ġew imposti fuq ir-rispettivi imputati li huwa qabel id-data ta' dan il-każ kif ukoll in-natura tal-kundizzjonijiet li prattikament f'kull każ jinkludu ħinijiet ta' rinkazar li jimponu li l-imputati jkunu rinkażati fil-ħinijiet matul il-lejl inkluż il-ħinijiet meta huma kienu barra u ulterjorment jinkludu l-kundizzjoni li ma jikkomettux reat ieħor ta' natura volontarja li konsiderando s-sejbien ta' ħtija minn din il-Qorti tat-tentattiv ta' serqa kif miġjuba kontra tagħhom tirriżulta wkoll. Dawn il-kundizzjonijiet ġew kollha

kkonfermati wkoll viva voce u bil-ġurament tal-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu responsabbli għall-każ fejn dawn ingħataw u li kwindi ulterjorment jikkonferma dan il-ksur. Għaldaqstant l-imputati ser jinstabu ħatja wkoll talli kissru l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kif impost fuqhom minn Qrati oħrajn diversament ippreseduti u li kienu għadhom in vigore filwaqt li huma kkomettew ir-reat mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi fir-rigward tal-ksur tas-sentenzi sospizi u tal-ordni tal-probation, din il-Qorti fliet l-atti kollha proċesswali fejn filwaqt li dawn jinkorporaw il-fedini penali rispettivi tal-imputati kollha li fil-korp tagħhom jindikaw il-ksur allegat fil-konfront tagħhom skont kif japplika u skont l-akkużi kif imressqa, din il-Qorti nnutat li ma ġew ippreżentati l-ebda sentenzi in sostenn ta' dan il-ksur u lanqas ma kien hemm xhieda li kkonfermaw dawn l-akkużi kif ukoll il-konotati tal-imputati fir-rigward tal-istess. Kwindi fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova f'dan ir-rigward, u filwaqt li ser tingħata konsiderazzjoni tal-kontenut tal-fedina penali sabiex tingħata l-aktar piena idoneja għall-każ, l-imputati mhux ser jinstabu ħatja għal dak li jirrigwarda 1-akkużi ta' ksur ta' sentenzi sospiżi (Keith Joseph Mallia u Clyde Mallia) u l-ksur ta' ordni ta' probation (Clyde Mallia).

Finalment għal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-reċidiva fir-rigward tal-imputat Keith Joseph Mallia, jidher li anki f'dan il-każ, l-unika prova li tresqet kienet il-fedina penali tal-imputat li hija pjutost imlaħħma u li indubjament tipprova r-reċidivita' tiegħu taħt id-dettami tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali. Madankollu sabiex din il-Qorti serenament tapplika dak dispost taħt l-Artikolu 50 jinħtieġ li 1-prova tar-reċidiva tinġieb aħjar milli filfatt inġagħbet mill-Prosekuzzjoni u dan permezz ta' sentenzi in sostenn tal-addebitu u tal-identifikazzjoni tal-imputat fl-istess rigward. Kwindi filwaqt li din il-Qorti ser tirrikonoxxi li Keith Joseph Mallia huwa reċidiv skont id-dettami tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, u salv għal dak dispost fis-sentenza fl-ismijiet *Pulizija vs Joseph Abela,* mhix ser tapplika 1-Artikolu 50 minħabba dawn in-nuqqasijiet fil-provi mressqa.

**Ikkunsidrat:**

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena idoneja, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputati fejn jidher li preċedentement, Keith Joseph Mallia u Clyde Mallia kkomettew reati preċedenti ta' serq, kemm sempliċi kif ukoll aggravat.[9]

[9] Keith Joseph Mallia - serq aggravat bil-valur 24.3.14 u serq aggravat bil- mezz, ħin bejn is-7 u d-9 ta' Lulju 2011; Clyde Mallia - Serq sempliċi 4.11.03 u serq aggravat bil-valur u bil-mezz 8.7.15 (folio 99 tal-atti proċesswali).

Il-Qorti qieset ukoll il-problemi familjari li jidher li kellu mpatt notevoli partikolarment fuq Clyde Mallia u Mario Mallia u ħadet kont ukoll tad-diversi denunzji li saru minn diversi uffiċjali tal-probation u l-aġġornamenti li huma taw fir-rigward ta' dawn iż-żewg imputati fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

Qieset ukoll id-dettami tas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Josef Abel* fejn gie mistqarr illi

> huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' ġurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provediment alternattiv bħal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eċċetera, teżamina sew il-fedina penali tal-ħati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skont iċ-ċirkostanzi u proprju tiverifika jekk xi provvediment li jkollha f'moħħha li tagħmel ikunx prekluż minn xi dispozizzjoni tal-liġi'.[10]

**Deċide**

Illi wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 37(2), 41(l)(a), 261, 262, 263, 264, 265, 267, 269, 270, 279(a), 280, 281, 579, u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tar-regolament 3(l)(lA)(lB)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda ssib:

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) nhar is-17 ta' Settembru 2008 mill-Imhallef Joe Galea Debono.

lil Keith Joseph Mallia, Mario Mallia u Clyde Mallia ilkoll ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontrihom kollha ta' tentattiv ta' serq ikkwalifikat bl-aggravji tal-vjolenza, mezz, valur u ħin;

Issib lil Keith Joseph Mallia ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu waħdu ai termini tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104, kif ukoll ħati tal-ħames, sitt, seba' u tmien imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu waħdu, filwaqt li qed tilliberah mit-tieni, tielet u r-raba' imputazzjoni kif migjuba kontra tiegħu wahdu. Għal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-reċidiva, kif rifless fid-disa' akkuża miġjuba kontra tiegħu waħdu, din il-Qorti ser tapplika biss skont id-dettami tal-Artikolu 49 iżda mhux 1-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Konsegwentement tikkundanna lil Keith Joseph Mallia għal tletin xahar prigunerija.

Inoltre, ai termini tar-regolament 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tordna l-iswalifika tal-liċenzja tas-sewqan ta' Keith Joseph Mallia għal żmien tnax il-xahar (12).

Issib lil Mario Mallia ħati tat-tieni imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu waħdu iżda mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu waħdu u konsegwentement tikkundanna lil Mario Mallia għal piena komplessiva ta' għoxrin xahar priġunerija.

Issib lil Clyde Mallia ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonjiet kif miġjuba kontra tiegħu waħdu iżda mhux ħati tat-tielet imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu wahdu tal-ksur tas-sentenza sospiża u konsegwentement tikkundanna lil Clyde Mallia għal tlettax il-xahar priġunerija.

Wara li l-Qorti rat l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tordna ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest fir-rigward tat-tlett imputati skont 1-akkużi kif miġjuba u tordna wkoll il-konfiska tal-ammont depożitat u tal-garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta;

Stante li ġie ppruvat li 1-vettura tal-għamla *Kia Shuma* bin-numru ta' reġistrazzjoni ACB123 fil-jum ta' meta ġie kommess id-delitt ma kienetx tappartjeni lil Keith Joseph Mallia jew lill-imputati l-oħra iżda kienet għadha reġistrata f'isem terzi persuni, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba għall-konfiska tal-imsemmija vettura.

Wara li l-Qorti rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti tordna wkoll il-ħlas tal-ispejjez peritali inkorsi matul dawn il-proċeduri ammontanti għal tlett mija tlieta u ħamsin Euro u disgħa u għoxrin ċentezmu (€353.29) liema somma għandha titqassam bejn l-imputati. Finalmentskont id-dettami tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti tordna l-ħlas ta' danni favur Felix Mifsud ammontanti għal tmien mija u ħames Euro u erbgħa u

disgħin ċenteżmu (€805.94)[11] liema somma għandha titqassam ugwalment bejn l-imputati.

**Nadine Lia**

**Maġistrat**

[11] Folio 155 tal-atti processwali.